**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 343 tal-15 ta' Ġunju 2020 dwar talba għal ksur ta' privileġġ mill-Prim Ministru fil-konfront tal-Onor. Karol Aquilina**

Fis-Seduta 342 tal-10 ta' Ġunju 2020, waqt li l-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela kien qiegħed jagħlaq id-diskussjoni mingħajr vot dwar il-Pjan ta' Riġenerazzjoni Ekonomika ta' €900 miljun imħabbar mill-Gvern biex jgħin lill-ekonomija tirkupra mill-impatt tal-COVID-19, l-Onor. Karol Aquilina ressaq din it-talba lis-Sedja, u nikkwota:

> "Sur President, qed nitlob *breach of privilege* ... li s-Sedja tipproteġini. Il-Prim Ministru qed jattribwixxi affarijiet li mhumiex vera. Jien m'għamilt l-ebda talba biex ikun taħt inkjesta dwar affarijiet oħra. M'għamilt assolutament l-ebda… Il-Prim Ministru qed jattribwili affarijiet li mhumiex vera u nitlob il-protezzjoni tas-Sedja."

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni ta' dak li kien qal fil-Kamra il-Prim Ministru sal-mument li tqajjem l-ilment mill-Onor. Karol Aquilina. F'parti mid-diskors tiegħu il-Prim Ministru kien qiegħed jirreaġixxi għal xi kummenti *off mic* indirizzati lejh mill-Onor. Karol Aquilina u nikkowta:

> "Onor. Aquilina, għadni kif smajt il-kumment sabiħ li għamilt. Grazzi talli llum erġajt tfajtli lill-Kabinett kollu f'inkjesta. Grazzi ħafna. Sur President, nista' ngħid li llum it-tieni darba f'dawn l-aħħar ftit ġranet li erġajt soġġett għal inkjesta maġisterjali grazzi għall-Oppożizzjoni. Dik il-koperazzjoni li tatna l-Oppożizzjoni."

Kien hawn li s-Sedja waqqfet lill-Prim Ministru għaliex intalab *point of order* mill-Onor. Aquilina, fejn qal hekk:

> "Jekk il-Prim Ministru jinqabad jisraq u sħabu jinqabdu jisirqu, ħaqqhom ikunu taħt inkjesta maġisterjali!"

Is-Sedja rat li dan ma kienx *point of order* u talbet lill-Prim Ministru sabiex ikompli bid-diskors tiegħu. Is-Sedja tinnota li l-Prim Ministru hawnhekk ma setax ikompli bid-diskors tiegħu minħabba numru ta' interruzzjonijiet. Kien hawnhekk li meta s-Sedja rat illi l-Onor. Karol Aquilina baqa' għaddej bil-kummenti u l-interruzzjonijiet minkejja li nġibditlu l-attenzjoni mis-Sedja biex jieqaf jagħmel dan, is-Sedja reġgħet talbet lill-Onor. Aquilina hekk:

> "Onor. Aquilina, jekk jogħġbok ieqaf u tgħidx kelma oħra. Onorevoli Prim Ministru, jekk jogħġbok, kompli bid-diskors tiegħek."

Hawnhekk il-Prim Ministru kompla bid-diskors tiegħu u qal:

> "Meta l-Onor. Aquilina jkollu l-istess livell ta' etika u integrità li għandi jien, ikun jista' jitkellem. U kommess li kif għamilt fil-każ tal-ewwel inkjesta fil-każ li, fost oħrajn, l-Onor. Karol Aquilina flimkien mal-kollega tiegħu l-Onor. Jason Azzopardi riedu jitfgħuna għomorna l-ħabs, ir-riżultat u l-konklużjoni ta' dik l-inkjesta hu dak li hu, u f'din it-tieni inkjesta nerġgħu b'libertà sħiħa …

Kien proprju f'dan il-punt illi l-Onor. Aquilina reġa' talab *point of order* u għamel it-talba għal ksur ta' privileġġ kif ċitat aktar kmien f'dan ir-*ruling*. Peress li saret din it-talba, is-Sedja talbet lill-Prim Ministru sabiex jikkjarifika dan il-punt u jkompli bid-diskors tiegħu. Il-Prim Ministru hawnhekk qal hekk:

> "Qed nifhem li b'dik ir-risposta l-Onor. Karol Aquilina qed jiddiżassoċja ruħu mill-aġir tal-Onor. Jason Azzopardi u mill-aġir tas-Soċjetà Ċivili li normalment narawh isabbat magħha."

Kien f'dan il-punt li l-Onor. Aquilina talab *ruling* mingħand is-Sedja. Is-Sedja rrimarkat li r-*ruling* jingħata fi stadju ulterjuri u talbet lill-Prim Ministru biex ikompli bid-diskors tiegħu.

Is-Sedja tibda billi tinnota li peress it-talba kienet tittratta ħaġa li nqalgħet waqt is-seduta, din it-talba għal ksur ta' privileġġ fil-fatt tqajmet fl-ewwel opportunità.

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni tas-Seduta inkwistjoni u nnutat illi li l-Prim Ministru kien qiegħed jirreaġixxi għal dak li kien għadu kif qal l-Onor. Karol Aquilina – li fil-fatt kien *statement* u mhux point of order – u nikkwota:

> "Jekk il-Prim Ministru jinqabad jisraq u sħabu jinqabdu jisirqu, ħaqqhom ikunu taħt inkjesta maġisterjali."

Mit-traskrizzjoni is-Sedja tifhem illi l-ilment tal-Onor. Karol Aquilina kien il-fatt illi l-Prim Ministru kien qed jattribwixxi lilu r-raġuni għalfejn huwa u l-kabinett kienu taħt inkjesta maġisterjali għat-tieni darba fi ftit ġimgħat. Tifhem ukoll li l-Onor. Aquilina kien qed jilmenta li l-Prim Ministru kien ukoll poġġih fl-istess keffa mal-Onor. Jason Azzopardi, li kien ressaq denunzja biex issir inkjesta maġisterjali kontra l-membri tal-Armata ta' Malta u l-Prim Ministru.

Mir-reazzjoni tal-Prim Ministru għal dak li qal l-Onor. Aquilina, jidher ċar li l-Onor. Aquilina kien qed jirreferi għal dak li kien qed jgħid il-Prim Ministru f'dawk li huma inkejsti maġisterjali mressqa minn Membri tal-Oppożizzjoni, u kien hawnhekk fejn il-Prim Ministru poġġa lill-Onor. Aquilina fl-istess keffa, biex ngħidu hekk, tal-Onor. Jason Azzopardi f'dik li hija denunzja ta' inkjesta maġisterjali li ġiet konkluża xi ġimgħat ilu. Dan peress li l-Prim Ministru kien qiegħed jagħmel referenza wkoll għal inkjesta oħra li kienet qiegħda tiġi proprju rapportata fil-*media* waqt li kien qiegħed isir dan id-dibattitu dwar allegat użu ħażin ta' fondi pubbliċi minn xi membri tal-Eżekuttiv f'dak li hu materjal imtella' fuq paġni ta' Facebook.

Fil-kunsiderazzjoni tagħha dwar din it-talba għal *ruling*, is-Sedja rat ukoll dak li kien ġie deċiż mid-Deputy Speaker l-Onor. Ċensu Galea fis-Seduta 125 tas-26 ta' Frar 2014, u dan b'referenza għall-Ordnijiet Permanenti 60, 61, 62, 63 u 64 li jirregolaw l-imġiba ta' Membri fil-Kamra meta tiġi attribwita xi intenzjoni ħażina. Fid-deċiżjoni li kien ta d-Deputy Speaker – li fiha huwa għamel referenza wkoll għal deċiżjoni li ngħatat mis-Sedja preżenti fis-Seduta 22 tas-27 ta' Mejju 2013 – intqal li, u nikkwota:

> "… filwaqt li kull Membru għandu jkollu d-dritt kollu ħieles li jikkritika l-operat politiku, fl-istess ħin [is-Sedja] hija marbuta li tara li ma jintużax kliem offensiv kemm fil-konfront tal-Kamra kif ukoll fil-konfront tal-Membri tal-istess Kamra u li ma jiġux imputati motivi ulterjuri lill-istess Membri."

Lura għall-każ li qed jiġi trattat f'dan ir-*ruling*, ma hemmx dubju li meta l-Prim Ministru qal li:

> "… l-Onor. Karol Aquilina flimkien mal-kollega tiegħu l-Onor. Jason Azzopardi riedu jitfgħuna għomorna l-ħabs, ir-riżultat u l-konklużjoni ta' dik l-inkjesta hu dak li hu u f'din it-tieni inkjesta nerġgħu b'libertà sħiħa …",

kien qed jattribwixxi li l-Onor. Karol Aquilina kien involut ukoll mal-kollega tiegħu l-Onor. Jason Azzopardi fl-inkjesta konkluża li saret fil-konfront tal-Prim Ministru u l-Armata.

Kien għalhekk li meta l-Onor. Aquilina talab il-protezzjoni tas-Sedja, is-Sedja minnufih talbet lill-Prim Ministru biex jiċċara dak li kien qed jgħid fil-konfront tal-istess Onor. Karol Aquilina, u l-Prim Ministru b'mod immedjat qal:

> "Qed nifhem li b'dik ir-risposta l-Onor. Karol Aquilina qed jiddiżassoċja ruħu mill-aġir tal-Onor. Jason Azzopardi u mill-aġir tas-Soċjetà Ċivili li normalment narawh isabbat magħha".

Minn din il-kjarifika, b'mod dirett u anke indirett, il-Prim Ministru kien qiegħed effettivament jirtira dak li qal fil-konfront tal-involviment tal-Onor. Karol Aquilina fl-inkjesta maġisterjali kontrih dwar l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi fuq Facebook minn xi membri tal-Eżekuttiv kif ukoll fl-inkjesta maġisterjali kontrih u kontra l-Armata.

M'hemmx dubju li qed nitkellmu fuq stat ta' fatt, ċjoè ż-żewġ inkjesti maġisterjali, u kif ġie rrimarkat f'diversi *rulings* preċedenti, is-Sedja tara li dak li kien qed jagħmel il-Prim Ministru jammonta għal kritika politika fil-konfront tal-Oppożizzjoni.

L-istess kritika politika, li l-Ispeaker Myriam Spiteri Debono kienet irreferiet għaliha bħala '*political bickering*' fir-*ruling* tagħha tal-31 ta' Ottubri 1997 meta kienet iddeċiedet li din it-tip ta' kritika ma kinitx tammonta għal *prima facie* ksur ta' privileġġ.

Ma rridux ninsew illi l-imġiba tal-Membri fil-Kamra u fil-kumitati tagħha hija regolata f'kull ħin mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u l-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra tad-Deputati.

Is-Sedja għalhekk tirrimarka, kif tagħmel dejjem meta jinqalgħu kwestjonijiet ta' din ix-xorta fejn ikun hemm dan it-tip ta' battibekk bejn il-Membri Parlamentari waqt dibattitu li jeskala, huwa dejjem spjaċevoli. Nemmen li dan jirriżulta meta ma jkunx hemm l-osservanza totali tal-Ordnijiet Permanenti waqt li jkun għaddej dibattitu. Dan qiegħed ngħidu għaliex l-istess Onor. Karol Aquilina kien qiegħed jikser l-Ordni Permanenti 63 bl-interruzzjonijiet li kien qiegħed jagħmel waqt id-diskors tal-għeluq tal-Prim Ministru, fejn is-Sedja kienet se tkun kostretta tieħu passi immedjati sabiex ma jitkompliex jinħela l-ħin tal-Kamra u sabiex tirritorna l-ordni fil-Kamra.

Min-naħa l-oħra s-Sedja tifhem ukoll illi l-Prim Ministru seta' għażel kliem aktar meqjus biex ma jwassalx għal xi maltiniż jew diżgwid meta kien qed jagħmel il-kritika politika tiegħu fil-konfront tal-Oppożizzjoni fid-dibattitu.

Dan ir-*ruling* għandu għalhekk jitqies suffiċjenti bħala rimedju fih innifsu.

Ir-*ruling* huwa deċiż.